

Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/396 tas-7 ta' Marzu 2017 li jimplementa l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 60 tat-8 ta' Marzu 2017)

F'paġni 29 u 30, l-Anness, punt (b) (Lista ta' entitajiet imsemmija fl-Artikoli 2 u 2a), entrata 5 (FORCES DEMOCRATIQUES DE LIBERATION DU RWANDA (FDLR)), paragrafi seba' u tmienja,

minflok: “... Ir-rapport ta' Novembru 2012 tal-Grupp ta' Esperti jirrapporta wkoll il-qtil ta' 11-il persuna mill-FDLR f'Bushibwambombo, Kalehe fis-6 ta' April 2012, u l-involviment tal-FDLR fil-qtil ta' 19-il persuna oħra fit-territorju Masisi, inkluż ħames minorenni u sitt nisa, f'Mejju. Il- Mouvement Du 23 Mars (M23) huwa grupp armat li jopera fir-RDK li rċieva armi u materjal relatat, inkluż konsulenza, taħriġ u assistenza relatata ma' attivitajiet militari.

Diversi testimonjanzi ta' xhieda jiddikjaraw li l-M23 jirċievi fornimenti militari ġenerali mir-Rwanda Defense Forces (RDF) fil-forma ta' armi u munizzjon barra minn appoġġ materjali għal operazzjonijiet ta' ġlied. L-M23 kien kompliċi u responsabbli għat-tweqqif ta' ksur serju tad-dritt internazzjonali maħsub biex jolqot nisa u tfal f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat fir-RDK, inkluż qtil u mankamenti, vjolenza sesswali, ħtif, u spostament furzat. Skont għadd kbir ta' rapporti, investigazzjonijiet, u testimonjanzi minn xhieda, l-M23 kien responsabbli għat-tweqqif ta' massakri ta' persuni ċivili, kif ukoll għall-istupru ta' nisa u tfal f'diversi reġjuni fir-RDK. Diversi rapporti jindikaw li għallieda tal-M23 wettqu 46 stupru ta' nisa u bniet, li l-iżgħar fosthom kellha tmien snin. Barra mir-rapporti ta' vjolenza sesswali, l-M23 wettaq ukoll kampanji estensivi ta' reklutaġġ furzat ta' tfal fi ħdan il-grupp. Huwa stmat li minn Lulju 2012, fit-territorju ta' Rutshuru fil-Lvant tar-RDK biss, l-M23 wettaq ir-reklutaġġ furzat ta' 146 żagħżuġ u tifel. Uħud mill-vittmi kellhom biss 15-il sena. L-atroċitajiet imwettqin mill-M23 kontra l-popolazzjoni ċivili tar-RDK, kif ukoll il-kampanja ta' reklutaġġ furzat tal-M23, u l-fatt li dan irċieva armi u assistenza militari kkontribwixxa b'mod drammatiku għall-instabbiltà u l- konflitt fir-reġjun u f'xi każi, kisru d-dritt internazzjonali.”.

aqra: “... Ir-rapport ta' Novembru 2012 tal-Grupp ta' Esperti jirrapporta wkoll il-qtil ta' 11-il persuna mill-FDLR f'Bushibwambombo, Kalehe fis-6 ta' April 2012, u l-involviment tal-FDLR fil-qtil ta' 19-il persuna oħra fit-territorju Masisi, inkluż ħames minorenni u sitt nisa, f'Mejju.”.
